

Brussell, 29 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0391(COD)

---

15390/22  
ADD 4

PI 169  
COMPET 967  
MIGR 379  
IND 519  
IA 207  
CODEC 1863

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 28 ta' Novembru 2022

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: SWD(2022) 369 final

---

Suġġett: DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 6/2002 dwar id-Disinji Komunitarji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2246/2002 u l- Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-protezzjoni legali tad-disinji (riformulazzjoni)

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2022) 369 final.

Mehmuż: SWD(2022) 369 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.11.2022  
SWD(2022) 369 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal  
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 6/2002 dwar id-Disinji  
Komunitarji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2246/2002**

**u l-**

**Proposta għal  
DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-protezzjoni legali tad-disinji (riformulazzjoni)**

{COM(2022) 666 final} - {COM(2022) 667 final} - {SEC(2022) 422 final} -  
{SWD(2022) 367 final} - {SWD(2022) 368 final}

## Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 dwar id-disinji Komunitarji u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2246/2002 u Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni legali tad-disinji (riformulazzjoni).

### A. Ftiegħa li tittieħed azzjoni

#### Għaliex? X'inhom l-problema li qiegħda tiġi indirizzata?

Il-liġijiet tal-Istati Membri li jipprevedu l-protezzjoni tad-disinji fil-livell domestiku kienu parzjalment allinjati bid-[Direttiva 98/71/KE dwar id-Disinji](#). FI-2003, ir-Regolament (KE) Nru 6/2002 dwar id-Disinji Komunitarji stabbilixxa protezzjoni unitarja (jiġifieri b'effett ugwali fl-UE kollha) għad-disinji bħala komplement mas-sistemi nazzjonali. Filwaqt li d-disinji nazzjonali huma rreġistrati mill-uffiċċji nazzjonali tal-proprjetà intellettuali (PI) tal-Istati Membri, id-disinji Komunitarji (RCDs) huma rreġistrati u amministrati mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO). Skont l-iskala territorjali tal-attività ekonomika, id-ditti u d-disinjaturi jistgħu għalhekk jew jagħżlu dritt ta' disinn rreġistrat nazzjonali jew fil-Komunità kollha, jew japplikaw għal u jżommu protezzjoni parallela fl-istess territorju kemm permezz tas-sistemi nazzjonali kif ukoll dawk Komunitarji. "Komunità" f'dan is-sens tfisser "UE".

Il-kwistjoni ewlenija mhux solvuta tibqa' l-protezzjoni tas-suq sekondarju għall-ispere parts viżibbli. 12-il Stat Membru jippermettu kompetizzjoni ħielsa f'dan is-settur, filwaqt li l-bqija jżommu l-monopolju tal-manifatturi, minkejja l-inkoraġġiment għall-ftuħ tas-suq li huwa inkorporat fid-Direttiva dwar id-Disinji.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinji baqgħet prattikament l-istess minn meta ġiet adottata. Evalwazzjoni ta' dik il-leġiżlazzjoni ([SWD \(2020\) 264 final](#)) ikkonkludiet li s-sistema tal-protezzjoni tad-disinji fl-UE taħdem tajjeb b'mod ġenerali iżda li hemm ċerti nuqqasijiet li jridu jiġu indirizzati sabiex issir adattata għall-iskop tagħha fl-era diġitali u ssir aktar aċċessibbli u effiċjenti għan-negozji, għall-SMEs (intrapriżi żgħira u ta' daqs medju) u għad-disinjaturi individwali.

Għalhekk, il-Kummissjoni ħabbret ([f'komunikazzjoni tal-2020](#)) li se tirrevedi l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinji. Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill appoġġaw din ir-reviżjoni.

Din ir-reviżjoni għandha l-għan li tindirizza b'mod partikolari żewġ problemi ewlenin:

1. L-aktar importanti, it-tfixkil fil-kummerċ intra-UE u l-ostakli għall-kompetizzjoni f'xi Stati Membri fir-rigward tat-tiswija tal-ispere parts.
2. L-iskoraġġiment tan-negozji, b'mod partikolari, tal-SMEs u tad-disinjaturi individwali, milli jfittxu protezzjoni ta' disinji rreġistrati fil-livell tal-UE jew nazzjonali minħabba l-proċeduri kumplessi u t-tariffi subottimali parzjalment skaduti li jridu jitħallsu għall-RCD, kif ukoll regoli diverġenti fil-livell nazzjonali li għadhom ma humiex allinjati ma' dawk tas-sistema tal-RCD.

#### X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

L-għan ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa li tippromwovi l-kontribut għall-eċċellenza, l-innovazzjoni u l-kompetittività tad-disinji fl-UE billi tiżgura li s-sistema tal-protezzjoni tad-disinji tkun adattata għall-iskop tagħha fl-era diġitali u ssir aktar aċċessibbli u effiċjenti għad-disinjaturi individwali, għall-SMEs u għall-industriji intensivi fid-disinji. Barra minn hekk, għandha l-għan li tlesti s-suq uniku għat-tiswija tal-ispere parts.

Dawn l-oġettivi ġenerali jissarrfu fit-tliet oġettivi speċifiċi li ġejjin:

- i. li jinfetaħ is-suq sekondarju tal-ispere parts għall-kompetizzjoni;
- ii. li jittejjbu l-aċċessibilità, l-effiċjenza u l-affordabbiltà tal-protezzjoni tad-disinji Komunitarji rreġistrati;
- iii. li jiżdiedu l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tad-disinji Komunitarji u nazzjonali, b'mod partikolari billi jiġu allinjati r-regoli proċedurali.

#### X'inhom l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

L-industriji intensivi fid-disinji jikkontribwixxu sostanzjalment għall-ekonomija tal-UE: mill-2014 sal-2016 dawn kienu jirrapreżentaw kważi 16 % tal-PDG tal-UE u ta' 14 % tal-impjegji kollha. Għalhekk, l-ifluq

tal-objettivi ta' din l-inizjattiva iwiegħed li jkollu impatt pożittiv fuq tali industriji intensivi fid-disinji, inkluż il-kontribut tagħhom għall-impjiegi.

Is-sistema tad-disinji Komunitarji nħolqot bir-Regolament tal-UE u għalhekk tista' tinbidel biss permezz ta' dan. Il-miżuri li għandhom l-għan li jestendu l-livell attwali ta' approssimazzjoni tar-regoli nazzjonali dwar id-disinji għandhom ikompli permezz tad-Direttiva dwar id-Disinji u konsegwentement jistgħu jittieħdu biss fil-livell tal-UE, anke minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza mas-sistema tal-RCD.

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-ispare parts speċifikament, is-suq uniku jista' jitlesta biss fil-livell tal-UE. L-esperjenza ta' aktar minn 20 sena bid-Direttiva attwali dwar id-Disinji ma wriet l-ebda xejra qawwija lejn l-allinjament fost l-Istati Membri fuq bażi volontarja jew permezz ta' awtoregolamentazzjoni mill-industrija.

L-azzjoni fil-livell tal-UE b'hekk tiżgura li s-sistema tal-protezzjoni tad-disinji fl-Ewropa kollha kemm hi ssir sostanzjalment aktar aċċessibbli u effiċjenti għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs u d-disinjaturi individwali. It-tlestija tas-suq uniku għat-tiswija tal-ispare parts iżżid il-kompetizzjoni u tkun ta' benefiċċju sostanzjali għall-konsumaturi, li jkunu jistgħu jagħżlu bejn il-parts kompetituri bi prezzijiet aktar baxxi.

## B. Soluzzjonijiet

**X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?**

- **Linja bażi – l-ebda bidla:** Ir-regoli u l-proċeduri attwali jkomplu.

Fir-rigward tal-protezzjoni tal-ispare parts, hemm 3 għażliet ta' politika kif ġej:

- **Għażla 1.1 – Liberalizzazzjoni sħiħa għad-disinji kollha:** Is-suq ta' spare parts "li jridu jaqblu" għandu jinfetaħ għall-kompetizzjoni fl-UE kollha kemm hi, filwaqt li dan għandu jiġi estiż kemm għad-disinji eżistenti kif ukoll għal dawk ġodda.
- **Għażla 1.2 – Liberalizzazzjoni sħiħa u immedjata għal disinji ġodda segwita minn liberalizzazzjoni sħiħa għal disinji qodma wara perjodu tranżizzjonali ta' 10 snin:** Bħall-għażla 1.1 iżda d-disinji li diġà ngħataw qabel id-dħul fis-seħħ tal-att il-ġdid ikompli jiġu protetti għal perjodu tranżizzjonali ta' 10 snin.
- **Għażla 1.3 – Liberalizzazzjoni sħiħa għal disinji ġodda biss:** Id-disinji diġà mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ma jiġux affettwati u jitħallew jiġu protetti għal terminu massimu ta' 25 sena.

Fir-rigward tal-proċeduri kumplessi tal-RCD, hemm għażla waħda (appoġġata b'mod unanimu):

- **Għażla 2 - Simplifikazzjoni u razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri tal-RCD,** bħal billi jiġu mmodernizzati r-rekwiżiti għar-rappreżentazzjoni tad-disinji u bħal billi tiġi ffaċilitata l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet multipli billi jitneħħa r-rekwiżit tal-"unità tal-klassi".

Fir-rigward tat-tariffi subottimali tal-RCD, hemm għażla waħda b'żewġ subgħażliet:

- **Għażla 3 - Tariffa aktar baxxa għar-reġistrazzjoni tal-RCD u applikazzjonijiet multipli aktar faċli:** Dan il-mudell jippermetti aċċess aktar faċli għall-protezzjoni tal-RCD, b'mod partikolari għall-SMEs (akkwist orħos tad-dritt u l-ewwel tiġdid), filwaqt li l-kumpaniji jiġu skoraġġuti milli jżommu disinji mhux uttilizzati fir-reġistru billi jiżdiedu t-tariffi għal tiġdid sussegwenti.

**Subgħażla 3.1:** it-tariffa għar-reġistrazzjoni għal RCD wieħed titnaqqas minn EUR 350 għal EUR 250. Għal kull disinn addizzjonali li jifforma parti minn applikazzjoni multipla, it-tariffa titnaqqas għal EUR 125. It-tariffa għall-ewwel tiġdid hija ta' EUR 70; għat-tieni tiġdid EUR 140; għat-tielet tiġdid EUR 280; għar-raba' tiġdid EUR 560.

**Subgħażla 3.2:** it-tariffa tar-reġistrazzjoni hija wkoll ta' EUR 250 iżda kull disinn addizzjonali ta' applikazzjoni multipla jkompli jiġi skontat għal EUR 100. It-tariffi kollha ta' tiġdid huma oġġla minn dawk taħt is-sistema attwali. It-tariffa għall-ewwel tiġdid hija ta' EUR 80; għat-tieni tiġdid EUR 160; għat-tielet tiġdid EUR 320; għar-raba' tiġdid EUR 640.

Fir-rigward tar-regoli diverġenti fil-livell nazzjonali, hemm żewġ għażliet:

- **Għażla 4.1:** Allinjament parzjali ulterjuri tal-liġijiet nazzjonali, li jgħib aktar konsistenza mas-sistema tal-RCD. Din l-għażla tinvolvi ż-żieda ta' dispożizzjonijiet mad-Direttiva dwar id-Disinji rigward aspetti magħżula tal-liġi dwar id-disinji li hija għadha ma tindirizzax u li ġew identifikati mill-partijiet ikkonċernati bħala li huma fl-akbar bżonn ta' allinjament (b'mod partikolari fir-rigward tal-proċeduri) mar-Regolament dwar id-Disinji Komunitarji.
- **Għażla 4.2:** Allinjament sħiħ tal-liġijiet u l-proċeduri nazzjonali tad-disinji. Dan l-approċċ ikun ibbażat fuq l-Għażla 4.1, li jinkludi l-komponenti tagħha ta' hawn fuq, iżda jinkludi l-aspetti kollha li jfdal tal-liġi u l-proċeduri sostantivi tad-disinji li huma parti mir-Regolament dwar id-Disinji Komunitarji iżda mhux mid-Direttiva dwar id-Disinji.

Taħlita ta' għażliet li jinkludu **l-għażla 1.2, l-għażla 2, l-għażla 3.1 u l-għażla 4.1** huma ppreferuti.

L-għażla 1.2 hija meqjusa bħala l-aktar waħda proporzjonali sabiex jinkiseb allinjament sħiħ fis-suq uniku dwar il-prinċipju tal-liberalizzazzjoni. Dan huwa konformi mal-ispirtu tar-reġim tranżizzjonali tal-ispere parts fid-Direttiva dwar id-Disinji, bil-għan li titlesta l-liberalizzazzjoni tal-ispere parts fl-UE.

Din l-għażla hija wkoll konformi mal-intenzjoni tal-Kummissjoni fil-proposta preċedenti fl-2004 kif ukoll konsistenti mar-Regolament (UE) Nru 461/2010 u komplementari għalih (ir-Regolament dwar l-Eżenzjoni ta' Kategorija tal-Vetturi bil-Mutur jew l-MVBER) fil-qasam tal-antitrust. Il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-ispere parts tgħin sabiex ir-reġim tal-antitrust jikseb il-benefiċċji kollha tiegħu għall-intrapriżi u l-konsumaturi fis-suq sekondarju tal-karozzi.

Fl-aħħar nett, l-għażla 1.2 hija konsistenti ma' u tikkomplementa l-isforzi mressqa fl-Inizjattiva dwar il-Prodotti Sostenibbli li għandha l-għan li tippromwovi t-tiswijiet u l-ekonomija ċirkolari, u hija konformi mal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS).

L-għażla 2 flimkien mal-għażla 3.1 tagħmel il-protezzjoni tal-RCD aktar aċċessibbli u affordabbli għan-negozji (billi jinżamm il-pass mal-progress teknoloġiku) u twiegħed li tinvolvi impatti pożittivi sinifikanti u benefiċċji ċari għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs u d-disinjaturi individwali.

L-għażla 4.1, b'mod partikolari billi jiżdiedu regoli proċedurali prinċipali mad-Direttiva dwar id-Disinji, f'konformità mar-Regolament dwar id-Disinji Komunitarji, tagħmilha aktar faċli u anqas għalja għad-ditti u għad-disinjaturi sabiex jiksbu protezzjoni tad-disinji fl-Istati Membri, inkluż permezz tal-użu kkombinat ta' sistemi nazzjonali u tal-RCD.

Din l-għażla tinfluwenza wkoll b'mod pożittiv il-kooperazzjoni bejn l-EUIPO u l-uffiċċji nazzjonali tal-PI f'termini tal-iffaċilitar taż-żieda fil-konverġenza tal-prattiki u l-iżvilupp ta' għodod komuni għal oqsma ġodda fejn l-allinjament huwa mixtieq (eż. l-invalidazzjoni tad-disinji). Dan iwiegħed li jġġenera aktar benefiċċji netti għall-utenti tas-sistemi tal-protezzjoni tad-disinji filwaqt li jtejjeb il-komplementarjetà u l-interoperabbiltà tagħhom.

L-analiżi u l-esperjenza tal-passat b'approċċi volontarji wasslu lill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li l-għażliet ippreferuti kollha għandhom jiġu implimentati permezz ta' bidliet leġislattivi fid-Direttiva dwar id-Disinji u fir-Regolament dwar id-Disinji Komunitarji.

#### **Liema għażla u min jappoġġaha?**

Il-modernizzazzjoni, is-simplifikazzjoni u l-allinjament ulterjuri proposti tas-sistemi tal-protezzjoni tad-disinji fl-UE f'termini tal-għażliet 2, 3 u 4.1.b huma appoġġati bis-sħiħ mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, mill-Parlament Ewropew, mill-industriji intensivi fid-disinji, minn assoċjazzjonijiet ta' detenturi tad-drittijiet tad-disinn u minn avukati u aġenti tal-proprietà intellettwali.

Il-ftuħ tas-suq sekondarju tal-ispere parts f'termini tal-għażla 1.2 huwa appoġġat b'mod qawwi minn manifatturi u distributuri indipendenti tal-ispere parts, assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tagħhom, is-settur akkademiku, u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi.

### **C. Impatti tal-għażla ppreferuta**

**X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?**

**Għall-konsumaturi:** Il-liberalizzazzjoni tas-suq sekondarju tal-ispere parts permezz tal-għażla 1.2 tinvolvi ffrankar ta' EUR 340 sa 544 miljun. Dan l-iffrankar jitwettaq bis-sħiħ wara l-perjodu ta' tranżizzjoni propost ta' 10 snin. Matul dak il-perjodu, il-benefiċċji ta' kull sena jiżdienu b'EUR 4 sa 13-il miljun.

**Għal ditti u individwi li japplikaw għall-protezzjoni tad-disinj:** L-aġġustament tat-tariffi tal-RCD bl-għażla 3.1 jagħmel l-aċċess bażiku għar-reġistrazzjoni anqas għali u jgħib iffrankar annwali ta' EUR 6 miljun għal dawk li jiproteġu d-disinj għal bejn 5 u 10 snin.

Is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tas-sistema tal-RCD bl-għażla 2 jiffaċilitaw l-aċċess għar-reġistrazzjoni filwaqt li jiżguraw prevedibbiltà u ċertezza legali akbar. Sal-punt li dan ikun kwantifikabbli, dan ikun jinvolvi ffrankar annwali ta' EUR 1,6 miljun bħala konsegwenza tal-aġġornament tar-rekwiżiti tar-rappreżentanza tad-disinj, u l-possibbiltà estiża li jiġu ppreżentati applikazzjonijiet multipli.

Aktar allinjament tar-regoli permezz tal-għażla 4.1 jagħmilha aktar faċli u anqas għalja għad-ditti u għad-disinjaturi sabiex jiksbu protezzjoni tad-disinj fl-Istati Membri, inkluż permezz tal-użu kkombinat tas-sistemi nazzjonali u tal-RCD. Dan iġib miegħu prevedibbiltà akbar (anqas nteġa għal għarfien espert estern), jgħin sabiex jitnaqqsu l-kostijiet fil-ġestjoni tal-portafolli tal-PI, u jiffaċilita l-kanċellazzjoni ta' disinj rreġistrati li ma jisthooqilhom l-ebda protezzjoni.

**Għall-EUIPO:** Is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri permezz tal-għażla 2 jippermettu lill-EUIPO jmessi l-operazzjonijiet tal-RCD b'mod aktar effiċjenti (anqas applikazzjonijiet defiċjenti sabiex jiġu ttrattati; it-tmexxija bla xkiel tal-flussi tax-xogħol u l-pajsaġġ tal-IT tal-back office minħabba allinjament mal-proċeduri tat-trademark tal-UE). Dan jiffaċilita wkoll il-kompitu tal-EUIPO li jipromwovi l-konverġenza tal-prattiki u l-għodod f'kooperazzjoni mal-uffiċċji nazzjonali tal-PI (EUIPO li jservu bħala punt ta' riferiment).

**Għall-Istati Membri u l-Uffiċċji nazzjonali tal-PI:** Allinjament ulterjuri tar-regoli permezz tal-għażla 4.1 jippermetti lill-Uffiċċji nazzjonali tal-PI jsiru aktar attraenti u kompetittivi fi fhdan is-sistema ta' protezzjoni tad-disinj ta' żewġ saffi fl-UE. Allinjament estiż tar-regoli jippermetti wkoll lil dawn l-uffiċċji jibbenefikaw minn kooperazzjoni estiża mal-EUIPO, sabiex tiġi promossa l-konverġenza tal-prattiki u tal-għodod.

#### **X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?**

**Għall-manifatturi ta' vetturi bil-mutur:** L-ebda kost dirett, iżda l-liberalizzazzjoni tas-suq sekondarju tal-ispere parts tikkawża telf ta' introjtu li jikkorrispondi għall-iffrankar mistenni għall-konsumaturi.

**Għal ditti u individwi li japplikaw għall-protezzjoni tad-disinj:** Sistemi ta' protezzjoni tad-disinj riformati jkunu jirrikjedu xi adattament għal regoli ġodda, inkluż proċess ta' apprendiment.

**Għall-EUIPO:** Is-simplifikazzjoni permezz tal-għażla 2 (estensjoni tal-għażla li jiġu ppreżentati applikazzjonijiet multipli) u l-aġġustament tat-tariffi permezz tal-għażla 3.1 iġibu telf ta' dħul li jikkorrispondi għall-iffrankar tat-tariffi għad-ditti u għall-individwi. L-għażliet jinvolvu wkoll kostijiet (żgħar) ta' implimentazzjoni sabiex jiġu adattati l-flussi tax-xogħol u l-proċessi tal-IT.

**Għall-Istati Membri u l-Uffiċċji nazzjonali tal-PI:** Aktar armonizzazzjoni tar-regoli mill-Għażla 4.1, b'mod partikolari fil-qasam tal-proċeduri (eż. l-istabbiliment ta' proċedimenti ta' invalidità bbażati fl-uffiċċju) se tinvolvi kostijiet ta' implimentazzjoni. Madankollu, dawn il-kostijiet huma kkunsidrati kemm bħala raġjonevoli kif ukoll proporzjonali.

#### **Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?**

Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-RCD permezz tal-għażla 2 u l-aġġustament tat-tariffi tal-RCD permezz tal-għażla 3.1 ikunu partikolarment ta' benefiċċju għall-SMEs, filwaqt li jiffaċilitaw l-aċċess u l-ħolqien tar-reġistrazzjoni tad-disinj għat-termini inizjali ta' 5 snin jew ta' 10 snin aktar affordabbli. Meta mqabbla ma' ditti kbar, l-SMEs mhux biss għandhom it-tendenza li jippreżentaw anqas disinj iżda jagħżlu wkoll perjodi ta' protezzjoni iqsar.

L-għażla 4.1 tiffaċilita wkoll l-aċċess għall-protezzjoni tad-disinj fl-Istati Membri (inkluż permezz ta' użu kkombinat ta' sistemi nazzjonali u tal-RCD minħabba l-interoperabbiltà akbar tagħhom), b'mod partikolari għall-SMEs. Dan ikun ukoll riżultat ta' prevedibbiltà u ċertezza legali akbar, peress li

kumpaniji iżgħar huma aktar dipendenti minn għarfien espert legali estern.

Il-forniment ta' proċeduri ta' invalidità bbażati fl-uffiċċju jgħin ukoll lill-SMEs b'mod partikolari sabiex ikollhom disinji invalidi mneħħija mir-reġistri tad-disinji b'mod effiċjenti.

**Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?**

L-Uffiċċji nazzjonali tal-PI tal-Istati Membri jiffaċċjaw kostijiet ta' implimentazzjoni minimi u proporzjonali bħala konsegwenza taż-żieda fl-allinjament tar-regoli, b'mod partikolari għall-proċeduri tad-disinji.

**Se jkun hemm impatti sinifikanti oħrajn?**

Ma huwa mistenni l-ebda impatt sinifikanti ieħor.

**D. Segwitu**

**Meta se tiġi rieżaminata l-politika?**

Fl-ames snin wara li r-Regolament isir applikabbli bis-sħiħ, il-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE.